**12 ta' Frar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Reġistratur tal-Qrati

*versus*

Salvu Psaila *et*

## Disprezz Lejn l-Awtorita' tal-Qorti - Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata b'dan li bidlet il-piena minflok waħda ta' detenzjoni f'multa.*

Il-Qorti:-

Il-konvenuti qed jappellaw minn din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Wara li rat it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenuti talli kkommettew disprezz ta' l-awtorita` tal-Qorti billi nhar il-Ħamis, 1 ta' Diċembru, 1994, għall-ħabta ta' l-10.00 a.m. ma ħallewx lill-Marixxal George Bugeja jaqdi d-dmir tiegħu bħala uffiċjal esekutur tal-Qorti billi waqqfuh milli jesegwixxi l-Mandat ta' Żgumbrament Nru. 105/93 in esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 1992, fl-ismijiet **John Cutajar *vs* Michael Ellul** (Avviż Nru. 691/91 NC);

Wara li semgħet lil-Marixxal George Bugeja *jikkonferma* bil-ġurament illi meta ġie biex jesegwixxi l-Mandat Nru. 105/93, iż-żewġ konvenuti impedewh milli jesegwixxi l-istess mandat;

Wara li semgħet lill-konvenuti jiddikjaraw li mhux lesti li jħallu lill-Marixxal tal-Qorti jesegwixxi l-Mandat in kwistjoni;

Peress li jirriżulta suffiċjentement illi ż-żewġ konvenuti ma ħallewx lill-Uffiċjal Esekutur jesegwixxi l-Mandat ta' Żgumbrament Nru. 105/93 u b'hekk ikkommettew disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, il-Qorti tikkundanna liż-żewġ konvenuti għall-piena ta' detenzjoin ta' ġimgħa u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha għar-rigward ta' dawn il-proċeduri";

L-appell qed isir fuq dawn l-aggravji:

Ma jirriżultax mill-provi li l-konvenuti għamlu xi att ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Huma ġibdu biss l-attenzjoni tal-Marixxal illi s-sentenza tat-23 ta' April, 1992, ġiet ippreġudikata stante li l-proprejarju tal-fond *de quo* sussegwentement għaliha

aċċetta l-kera tiegħu u għalhekk huma kellhom titolu validu fil-liġi;

Li s-sentenza kienet nulla u bla effett għax tmur kontra l-prinċipju ta' ġustizzja naturali *nemo iudex in causa propria*. Ir-Reġistratur tal-Qrati jirrappreżenta lill-Qrati ta' Malta u f'dan il-każ, għalhekk, kien ukoll parti fil-kawża barra li kien ukoll il-ġudikanti. Din il-kawża kien messha saret bl-istanza tal-proprjetarji tal-fond in kwistjoni;

Li anke jirriżulta li l-appellanti kkommettew xi att ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, il-piena tad-detenzjoni għal żmien ġimgħa hija ħarxa wisq meta wieħed, speċjalment jikkonsidra l-eta' kbira ta' l-appellanti u l-fatt li huma għandhom mard serju d-dar u ma għandhom imkien fejn imorru joqogħdu;

Ġie ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, illi wara li ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti, l-Mandat ta' Żgumbrament imsemmi fl-avviż kien ġie esegwit fit-12 ta' Ottubru, 1995. Il-Marixxal xehed illi "fl-okkażjoni meta mort u effettivament żgumbrajt skond l-ordni tal-Qorti, jiena ma kont sibt l-ebda opposizzjoni minn ħadd. F'dik l-okkażjoni kont ħadt pulizija miegħi peress li kien hemm inċident qabel u ridt inkun żgur li nilqa' għal din l-eventwalita'";

Il-Qorti kellha ukoll okkażjoni li tikkonstata *de visu* l-eta' avvanzata u l-infermita' fiżika tal-konvenuti;

**Dwar l-irritwalita' ta' l-azzjoni**: L-appellat reġistratur jissottometti li hu talab il-protezzjoni tal-Qorti spettanti lilu "bħal kull persuna oħra skond il-liġi u għaldaqstant ma ġġudika l-ebda kawża". L-attur aġixxa korrettement skond kif ipprovdut fil-Kodiċi

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kif issa emendat il-Kodiċi jispeċifika xi proċedura għandha tiġi addottata: artikolu 1003A "**F'kull proċediment** għad-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Reġistratur **għandu jibda**, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur". Hu minnu li l-ġurisprudenza reċenti ta' dawn il-Qrati kienet fis-sens illi l-istanza għad-disprezz kellha tiġi istitwita mill-parti interessata fil-kawża fil-proċediment li fih ikun allegat li javvera ruħu l-att dispreġjattiv. Dana mil-lat ta' korrettezza kostituzzjonali. L-emenda tipprova tovvja għal din l-anomalija u tipprovdi l-mezz biex l-uffiċjal tal-Qorti ma jitħalliex mingħajr protezzjoni in kwantu jitpoġġa f'sitwazzjoni ta' dipendenza għall-ħarsien tiegħu nnifsu mill-volonta` tal-parti li jista' ma jkollhiex anqas l-interess li taġixxi. Tibqa' miftuħa l-kwistjoni jekk l-emenda tissodisfax għal kollox il-kriterji kostituzzjonali, pero`, din mhix is-sede fejn materja simili tiġi epurata. Għall-fiijiet stretti ta' din il-kawża jirriżulta li l-proċedura addottata hi dik ritwali u din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda;

**Dwar l-aġir ta' l-appellanti**. Din il-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti jistgħu jsostnu illi huma ma għamlu l-ebda att ta' disprezz lejn l-awtorita` tagħha, meta mhux biss jirriżulta li fiżikament opponew għall-esekuzzjoni tal-Mandat ta' *Żgumbrament*, imma saħansitra quddiem l-Ewwel Qorti baqgħu jirreżistu li dan isir. Tant li l-Maġistrat ħass il-ħtieġa li jimmotiva s-sentenza tiegħu ta' detenzjoni billi qal li l-Qorti "**semgħet** lill-konvenuti jiddikjaraw li **mhux lesti** li jħallu lill-Marixxal tal-Qorti jesegwixxi l-Mandat in kwistjoni". Proprju l-każ ta' disprezz anke *in faciem curiae* u nonostante li kienu rinfaċċjati bil-konsegwenzi gravi li setgħu jsofru minħabba l-aġir sfidanti tagħhom;

Dwar il-piena: Hu proprju dan l-aġir *ta' sfida aperta illi* jiġġustifika lill-Ewwel Qorti timponi l-piena ta' priġunerija. Aġir li naturalment ġie ttemperat bħala konsegwenza proprju tas-sentenza ta' detenzjoni inflitta fuqhom. Tant hu hekk, li kien wara dik is-sentenza li l-appellanti ssottomettew ruħhom bil-kwiet għall-awtorita` tal-Qorti u għarfu l-iżball tagħhom. Din il-Qorti tifhem il-predikament li sabu ruħhom l-appellanti, imma dan bl-ebda mod ma jiġġustifika l-aġir inkorrett tagħhom. Tattribwixxi, fiċ-ċirkostanzi, ir-reazzjoni żbaljata u negattiva tagħhom għall-testardaġni ta' l-eta` u tieħu kont ta' l-infermita` fiżika tagħhom. Hemm lok allura għal temperament tal-piena li ser tiġi mibdula minn waħda ta' detenzjoni għal waħda pekunjarja ta' *Lm50* bejniethom;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li tikkwalifikaha biss fir-rigward tal-piena billi l-appellanti, minflok huma kkundannati għal detenzjoni ta' ġimgħa, qed jiġu kkundannati għall-multa bejniethom ta' Lm50, li għandhom iħallsu fi żmien ġimagħtejn mil-lum fir-Reġistru ta' din il-Qorti;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu *mill-appellanti*.